



Brussell, 9 ta' Ġunju 2023
(OR. en)

10241/23

**Fajl Interistituzzjonali:
2023/0139(NLE)**

**ENV 631
MAR 83**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	9254/23 - COM(2023) 236 final
Suġġett:	Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kummissjoni stabbilita mill-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Ambjent Marin tal-Atlantiku tal-Grigal fir-rigward tal-emendi għad-Deċiżjoni 2021/01 tal-OSPAR dwar l-istabbiliment taż-Żona Marina Protetta tal-Kurrent tal-Atlantiku tat-Tramuntana u tal-Baċir tal-Baħar Evlanov u r-Rakkomandazzjoni 2021/01 tal-OSPAR dwar il-Ġestjoni taż-Żona Marina Protetta tal-Kurrent tal-Atlantiku tat-Tramuntana u tal-Baċir tal-Baħar Evlanov - Adozzjoni

1. Fl-10 ta' Mejju 2023, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Ambjent Marin tal-Atlantiku tal-Grigal fir-rigward tal-emendi tad-Deċiżjoni dwar id-delineazzjoni u r-Rakkomandazzjoni dwar il-ġestjoni taż-Żona Marina Protetta tal-Kurrent tal-Atlantiku tat-Tramuntana u tal-Baċir tal-Baħar Evlanov (MPA tan-NACES)¹. Hija meħtieġa deċiżjoni tal-Kunsill minħabba li l-Kummissjoni OSPAR għandha tadotta din id-Deċiżjoni prevista dwar id-delineazzjoni u din ir-Rakkomandazzjoni prevista dwar il-ġestjoni matul is-26 laqgħa regolari tagħha fis-26 ta' Ġunju 2023.

¹ 9254/23.

2. Fis-16 ta' Mejju, il-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Ambjentali Internazzjonali (WPIEI) (NUKEE u kwistjonijiet reġjonali oħra) iddiskuta l-proposta matul vidjokonferenza informali. Fit-30 ta' Mejju, il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent (WPE) eżamina t-test ta' kompromess tal-Presidenza kif jinsab fid-dokument 9644/23.
3. It-test ta' kompromess rivedut tal-Presidenza li rriżulta minn dawn id-diskussjonijiet u l-kummenti riċevuti (dokument 9644/1/23 REV 1) ġie ċċirkolat lid-delegazzjonijiet għal qbil permezz ta' konsultazzjoni bil-miktub li ntemmet fit-2 ta' Ġunju.
4. Ir-riżultat tal-konsultazzjoni bil-miktub juri li t-test ta' kompromess rivedut tal-Presidenza, kif jinsab fid-dokument 9976/23 wara r-reviżjoni mill-ġuristi lingwisti, huwa aċċettabbli.
5. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jirrakkomanda li l-Kunsill:
 - jadotta d-Deċiżjoni kif tinsab fid-dokument 9976/23 bħala punt "A" fil-laqgħa tiegħu tal-20 ta' Ġunju 2023;
 - jinforma lill-Parlament Ewropew bid-Deċiżjoni tiegħu f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE.
